Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15957/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0165(COD)**

**TRANS 533**
**MAR 157**
**OMI 84**
**CODEC 2262**
**IA 325**
**ILO 14**

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 15164/23 |
| Nru dok. Cion: | 10126/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port<br>– *Approċċ ġenerali* |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Din il-proposta tikkonċerna emenda għad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port[1].

1 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.

3. Id-Direttiva 2009/16/KE tirregola l-ispezzjonijiet tal-kontroll tal-Istat tal-port fil-livell tal-UE. Il-kontroll tal-Istat tal-port (PSC) huwa sistema ta' spezzjoni ta' vapuri barranin f'portijiet ta' stati għajr l-Istat tal-bandiera mill-uffiċjali tal-PSC, biex jivverifikaw li l-kompetenza tal-kaptan, tal-uffiċjali u tal-ekwipaġġ abbord, il-kundizzjoni ta' vapur, u t-tagħmir tiegħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali u, fl-Unjoni Ewropea, mad-dritt applikabbli tal-UE. B'hekk, il-PSC huwa importanti fl-iżgurar tas-sikurezza marittima u fil-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

4. Ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

– taġġorna u tallinja l-leġiżlazzjoni tal-UE mar-regoli u l-proċeduri internazzjonali, stabbiliti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jew il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll tal-Istat tal-port;

– tipproteġi l-bastimenti tas-sajd, l-ekwipaġġ tagħhom u l-ambjent. Bastimenti tas-sajd akbar b'tul ta' aktar minn 24 metru ma humiex inklużi fl-ambitu tal-kontroll tal-Istat tal-port. Sistema volontarja ta' kontroll għal dan it-tip ta' bastiment għandha żżid il-livell ta' konformità mal-istandards internazzjonali ta' sikurezza u ta' protezzjoni ambjentali applikabbli għal dawn il-bastimenti;

– tiżgura użu akbar ta' soluzzjonijiet diġitali. B'mod partikolari, din tinkoraġġixxi l-adozzjoni u l-użu ta' ċertifikati statutorji elettroniċi billi torbot l-użu tagħhom mal-profil ta' riskju tal-vapur użat biex jimmira u jagħżel il-vapuri għall-ispezzjoni; u

– tiżgura approċċ effiċjenti u armonizzat għat-twettiq tal-ispezzjonijiet tal-PSC. Dan jinkludi l-immirar aħjar tal-bastimenti għall-ispezzjoni billi jiġu ristrutturati l-aspetti mhux aġġornati tal-profil ta' riskju tal-vapur u jiżdiedu komponenti ġodda miegħu.

5. Il-Kummissjoni adottat il-proposta fil-kuntest tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tagħha, bħala segwitu immedjat għall-Kontroll tal-Idoneità tat-Trasport Marittimu[1], imwettaq fl-2018.

---

[1] 9128/18 + ADD 1

6. Il-proposta hija bbażata fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt[1] li ġiet infurmata minn studju ta' appoġġ estern. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata u eżaminata bir-reqqa f'laqgħa waħda tal-grupp ta' ħidma, u ma qajmitx tħassib kbir għad-delegazzjonijiet.

## II. EŻAMI MILL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

7. Fit-13 ta' Lulju 2023, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sinjura Vera Tax (S&D, in-Netherlands) bħala rapporteur. Is-Sa Tax ressqet l-abbozz ta' rapport tagħha fid-19 ta' Settembru u bħalissa hija ppjanata votazzjoni tal-Kumitat TRAN dwar din il-proposta fis-7 ta' Diċembru.

8. Fl-20 ta' Settembru 2023, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta[2]. Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

## III. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

9. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu ddiskuta l-proposta f'diversi laqgħat, li bdew f'Ottubru 2023. Id-delegazzjonijiet kollha esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-objettivi tal-proposta tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li tittejjeb is-sikurezza marittima u jitħares l-ambjent tal-baħar.

10. Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Novembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-appoġġ tiegħu għall-aħħar kompromess u rrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill TTE (Trasport) tal-4 ta' Diċembru 2023.

11. Ġew introdotti għadd ta' bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni. Ħafna minn dawn il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw iċ-ċarezza u l-koerenza mar-regoli u l-proċeduri internazzjonali, u speċjalment dawk tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll tal-Istat tal-port (MtQ ta' Pariġi). Hemm ukoll bidliet oħra ta' sustanza li għandhom jiġu nnutati, kif stipulat hawn taħt.

[1] 10126/23 ADD 2 + ADD 3.
[2] 13381/23

12. L-ewwel nett, il-proposta tal-Kummissjoni li jiġu inklużi żewġ kriterji ġodda fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju għall-bastimenti (li hija għodda biex tiggwida l-ispezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port għal vapuri bl-ogħla probabbiltà ta' nuqqasijiet) ġiet ikkontestata mill-Istati Membri. L-ewwel wieħed minn dawn il-kriterji jikkonċerna l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju tal-bastiment (CII). L-Istati Membri indikaw li dan l-indikatur ma jiddependix biss fuq il-kundizzjoni teknika tal-bastiment, iżda wkoll fuq parametri operattivi (bħall-veloċità tal-bastiment), kif ukoll fuq ċirkostanzi esterni (xejriet kummerċjali, kundizzjonijiet tat-temp, ħin imqatta' fil-port eċċ.), li jfisser li mhux neċessarjament huwa indikatur ta' prestazzjoni ħażina jew nuqqas ta' konformità u għalhekk ma għandux jitqies fil-kalkolu tal-profil tar-riskju tal-bastiment.

13. It-tieni kriterju jikkonċerna d-disponibbiltà ta' ċertifikati elettroniċi. L-Istati Membri ssottolinjaw li dan huwa element amministrattiv barra mill-kontroll tal-bastiment, peress li d-deċiżjoni li jintużawx ċertifikati elettroniċi jew le hija f'idejn l-Istat tal-bandiera. Għal din ir-raġuni, iċ-ċertifikati elettroniċi mhumiex indikatur tal-kundizzjoni tal-vapur jew tal-konformità tiegħu mal-istrumenti obbligatorji tal-IMO u tal-UE u lanqas ma għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-profil tar-riskju tal-vapur.

14. It-tieni, il-Kummissjoni pproponiet, fl-Artikolu 3, li tintroduċi sistema volontarja ta' kontroll għal bastimenti tas-sajd akbar b'tul ta' aktar minn 24 metru, li s'issa kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. L-Istati Membri qablu ma' dan l-approċċ, peress li dan jista' jżid il-livell ta' konformità ta' dawn il-bastimenti. Madankollu, peress li din hija sistema volontarja, l-Istati Membri jqisu li l-modalitajiet ta' tali reġim speċifiku ta' kontroll tal-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd ma għandhomx jiġu stabbiliti f'atti ta' implimentazzjoni, iżda pjuttost permezz ta' linji gwida adottati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-MtQ ta' Pariġi.

15. It-tielet, saru diversi bidliet biex jippermettu aktar flessibbiltà għall-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat tal-port. Fl-Artikolu 14(4), il-Kummissjoni pproponiet li spezzjonijiet estiżi għandhom jitwettqu minn tal-inqas żewġ uffiċjali tal-kontroll tal-Istat tal-port (PSCOs). Madankollu, l-għadd ta' spetturi meħtieġa jiddependi fuq diversi fatturi u f'ħafna sitwazzjonijiet ikun ikkumplikat u mhux neċessarju li jiġu mobilizzati aktar minn spettur wieħed. L-Istati Membri jqisu li l-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat tal-port għandhom iżommu l-flessibbiltà li jorganizzaw il-ħidma tagħhom f'dan ir-rigward. B'mod simili, ir-rekwiżit li rapport ta' spezzjoni dejjem jiġi vvalidat minn PSCO li ma kienx parti mit-tim li wettaq l-ispezzjoni tqies bħala riġidu wisq; l-Artikolu 24(3) ġie emendat biex jippermetti aktar flessibbiltà.

16. Ir-raba', biex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mingħajr kosta li m'għandhomx portijiet marittimi u li jistgħu jivverifikaw li min-numru totali ta' bastimenti individwali li jidħlu annwalment matul perjodu tat-tliet snin preċedenti fil-portijiet tax-xmajjar tagħhom, inqas minn 5 % ikunu vapuri koperti mid-Direttiva, jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (l-Artikolu 2 u l-premessa 20b). Dan ikun ifisser li sakemm dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, dawk l-Istati Membri ma jkunux obbligati jittrasponu d-Direttiva.

17. Fl-aħħar nett, l-iskadenza għat-traspożizzjoni proposta mill-Kummissjoni (sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja) tiġi estiża għal 4 snin.

18. F'dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni żżomm riżerva proċedurali dwar l-emendi kollha għall-proposta tagħha.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

19. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq *approċċ ġenerali* dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port, fuq il-bażi tal-kompromess li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport.

ANNESS

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll tal-Istat tal-port**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] tistabbilixxi regoli dwar is-sistema għall-ispezzjonijiet tal-kontroll tal-Istat tal-port, fejn vapuri eliġibbli li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni jiġu spezzjonati biex jiġi vverifikat jekk il-kompetenza tal-ekwipaġġ abbord u l-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar, dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fuq il-vapuri ta' kull bandiera.

---

5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .
7 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57.

(2) Id-Direttiva 2009/16/KE hija bbażata fuq il-ftehim volontarju diġà eżistenti tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll tal-Istat tal-port (MtQ ta' Pariġi) u l-kunċetti ta' piż kondiviż ta' spezzjoni, immirar ibbażat fuq ir-riskju tal-vapuri għall-ispezzjonijiet, spezzjonijiet armonizzati u l-kondiviżjoni tar-riżultati tal-ispezzjoni.

(3) Minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2009/16/KE, kien hemm bidliet fl-ambjent regolatorju internazzjonali (b'mod partikolari fil-MtQ ta' Pariġi u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali) u fl-iżviluppi teknoloġiċi. Dawk il-bidliet kif ukoll l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE jenħtieġ li jitqiesu.

(4) Għadd ta' konvenzjonijiet internazzjonali daħlu fis-seħħ u ġew ratifikati mill-Istati Membri mill-2011. Dawn huma l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma u s-Sedimenti tas-Saborra tal-Vapuri (il-Konvenzjoni ta' BWM) u l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Nairobi dwar it-Tneħħija ta' Fdalijiet ta' Bastimenti (il-Konvenzjoni ta' Nairobi). Għalhekk, jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fil-lista ta' Konvenzjonijiet koperti mid-Direttiva 2009/16/KE, biex ikunu jistgħu jiġu infurzati bħala parti mis-sistema ta' kontroll tal-Istat tal-port.

(5) Sabiex tkun tista' ssir sistema aġġornata u armonizzata ta' kontroll tal-Istat tal-port huwa meħtieġ li jkun hemm mod aktar mgħaġġel biex tiġi aġġornata l-lista ta' konvenzjonijiet internazzjonali infurzati mill-kontroll tal-Istat tal-port mingħajr il-ħtieġa li tiġi emendata d-Direttiva kollha. Għalhekk, ladarba Konvenzjoni internazzjonali tkun daħlet fis-seħħ – jiġifieri tkun laħqet livell miftiehem ta' ratifika – u wara l-adozzjoni tagħha mill-Membri tal-MtQ ta' Pariġi bħala strument rilevanti, il-lista ta' Konvenzjonijiet fid-Direttiva jenħtieġ li tiġi aġġornata mill-Kummissjoni.

(6) Minħabba d-daqs żgħir tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-bastimenti tas-sajd fl-UE joperaw f'ilmijiet territorjali, u ma humiex suxxettibbli li jiġu spezzjonati f'portijiet barranin. Dan ifisser li b'mod ġenerali, bastimenti tas-sajd kbar biss b'tul ta' 24 metru u aktar, waqt li jiġi kkunsidrat it-tul kif definit fil-Ftehim ta' Cape Town tal-2012 (li huma wkoll il-bastimenti tas-sajd l-aktar soġġetti għal konvenzjonijiet internazzjonali) x'aktarx jinvolvu ruħhom f'ilmijiet internazzjonali u jidħlu f'portijiet għajr dawk fil-pajjiż fejn ikunu rreġistrati u għalhekk ikunu soġġetti għal PSC. Peress li l-maġġoranza tal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli għal bastimenti tas-sajd akbar huma differenti minn dawk li bħalissa huma infurzati permezz tal-kontroll tal-Istat tal-port u biex jiġu evitati effetti sekondarji mhux mixtieqa fuq is-sistema kurrenti ta' kontroll tal-Istat tal-port, qiegħda tiġi proposta sistema parallela ta' kontroll tal-Istat tal-port għall-bastimenti tas-sajd.

(7) Madankollu, minħabba x-xejriet tas-sajd mhux l-Istati Membri kollha ssirilhom żjara minn dawn il-bastimenti tas-sajd akbar. Għalhekk, qiegħda tiġi proposta sistema volontarja għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jwettqu dawn l-ispezzjonijiet u li hija parallela u separata mir-reġim attwali ta' kontroll tal-Istat tal-port biex tippermetti l-flessibbiltà fil-mod kif l-istandards jiġu żviluppati fil-kontroll tal-Istat tal-port. Din is-sistema ta' kontroll tal-Istat tal-port tal-bastiment tas-sajd b'tul ta' 24 metru u aktar tista' għalhekk tiġi żviluppata b'mod organiku mill-Istati Membri, mill-MtQ ta' Pariġi u mill-Kummissjoni mingħajr ma jinkorporawhom fil-ftehim tal-MtQ ta' Pariġi attwali. Għal dan il-għan jenħtieġ li jiġi żviluppat modulu separat għall-bażi tad-data eżistenti għall-ispezzjonijiet.

(8) Il-mekkaniżmu tas-sehem ġust jipprovdi distribuzzjoni tal-piż ta' spezzjoni fost l-Istati Membri tal-MtQ ta' Pariġi. Kull Stat Membru jiġi allokat ċertu numru ta' spezzjonijiet – l-impenn ta' spezzjoni tiegħu jew is-"sehem ġust" – li għandhom jitwettqu kull sena. L-eliġibbiltà għall-ispezzjoni hija ddeterminata primarjament mill-profil tar-riskju tal-vapur (SRP) li jistabbilixxi l-intervalli bejn l-ispezzjonijiet u l-ambitu tagħhom. Il-vapuri ta' prijorità II jistgħu jiġu spezzjonati waqt li l-bastimenti ta' Prijorità I jridu jiġu spezzjonati.

(9) L-Istati Membri jistgħu ma jwettqux ċertu numru ta' spezzjonijiet ta' "Prijorità" u xorta jikkonformaw mal-impenn ta' spezzjoni tagħhom. Madankollu, għal xi Stati Membri l-għadd ta' waqfiet ta' vapuri li fil-fatt iseħħu matul sena partikolari jista' jew jaqbeż jew ikun inqas mill-impenn ta' spezzjoni allokat. Metodu alternattiv ta' konformità mal-obbligu tas-sehem ġust għal dawn l-Istati Membri (mgħobbija żżejjed jew mhux mgħobbija biżżejjed) instab li ma kienx flessibbli, għalhekk huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet riveduti tal-MtQ ta' Pariġi.

(10) L-Istati Membri huma permessi wkoll li jipposponu l-ispezzjonijiet tal-vapuri f'ċerti ċirkostanzi, dment li l-bastiment jiġi spezzjonat fil-port tal-waqfa li jmiss jew fi żmien 15-il jum u din il-possibbiltà tiġi mmodifikata sabiex tkun tista' tintuża mill-Istati Membri kollha. Ċerti kategoriji ta' bastimenti li huma perċepiti li jippreżentaw riskju ogħla u li għalhekk huma eliġibbli għal spezzjoni estiża huma meħtieġa li jinnotifikaw il-ħin stmat tal-wasla tagħhom lejn port ta' 72 siegħa qabel il-wasla tagħhom. Madankollu wara għadd ta' snin, ġie konkluż li dan l-obbligu kien ta' piż kbir wisq fuq l-operaturi u ma żied l-ebda valur peress li l-awtoritajiet nazzjonali diġà għandhom l-informazzjoni meħtieġa disponibbli aktar faċilment fil-bażi tad-data THETIS. Abbażi ta' dan, il-MtQ ta' Pariġi abolixxa dan l-obbligu ta' notifika ta' qabel il-wasla, u għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/16/KE tiġi allinjata kif xieraq.

(10a) F'ċirkostanzi normali l-ispezzjonijiet tal-vapuri ta' Prijorità II mhumiex obbligatorji għalkemm il-vapuri ta' Prijorità II jistgħu jiġu spezzjonati. Madankollu, għall-Istati Membri li mhux ser jirċievu biżżejjed waqfiet ta' vapuri eliġibbli għall-ispezzjonijiet biex jissodisfaw l-impenn annwali tagħhom, dawn il-vapuri ta' Prijorità II għandhom jiġu spezzjonati biex jilħqu l-impenn annwali tagħhom ta' spezzjonijiet. Peress li dawn l-ispezzjonijiet isiru, de facto, obbligatorji għal dawk l-istati, tista' tkun meħtieġa aktar flessibbiltà għall-ispezzjonijiet tal-vapuri ta' prijorità II, speċifikament għal dawn l-istati. Għalhekk, il-posponiment u l-ġustifikazzjoni huma disponibbli għall-istati msemmija qabel. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu l-almu tagħhom, fil-qafas tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi, biex jipproponu l-miżuri u l-emendi meħtieġa biex jiċċaraw u jissodisfaw dan l-objettiv, mingħajr preġudizzju għat-teħid ta' miżuri tekniċi biex tiġi aġġustata l-bażi tad-data eżistenti għall-ispezzjonijiet fir-rigward tal-posponiment.

(11) Matul l-aħħar għaxar snin u minkejja ż-żidiet fl-għadd ta' bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE inkluż it-trasport marittimu fuq distanzi qosra ta' merkanzija bejn il-portijiet ewlenin fl-Istati Membri tal-UE u l-portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew f'pajjiżi mhux Ewropej fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, il-profil tas-sikurezza tal-bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE tjieb […] . L-ispezzjonijiet tal-kontroll tal-Istat tal-port qegħdin jintużaw dejjem aktar biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni ambjentali bħal fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kubrit jew l-iskrappjar sikur u ambjentali tal-vapuri. Madankollu, il-profil ta' riskju tal-vapuri mfassal qabel l-2009 kellu prijoritajiet differenti u ma huwiex adattat bis-sħiħ biex jiffoka l-isforz ta' spezzjoni fuq il-bastimenti bl-inqas prestazzjoni ambjentali.

(12) Abbażi ta' dan, jenħtieġ li l-profil tar-riskju tal-vapur jiġi aġġornat biex jirrifletti kwistjonijiet ambjentali billi tingħata aktar importanza lill-prestazzjoni ambjentali.

(12a) Fl-2019 ġiet adottata metodoloġija ġdida mill-MtQ ta' Pariġi, li tistabbilixxi listi ta' prestazzjoni għolja, standard u baxxa, bħala alternattiva għal-lista bajda, griża u sewda tal-Istati tal-bandiera. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 10 dwar il-profil tar-riskju tal-vapur li jistabbilixxi l-kategorizzazzjoni tal-Istati tal-Bandiera. Jenħtieġ li din il-metodoloġija tiġi implimentata f'din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat li tkun ġusta, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif tittratta lill-Istati tal-bandiera bi flotot żgħar.

(12b) Peress li l-uffiċjali tal-kontroll tal-istat tal-port jeħtieġu ż-żmien biex iħejju u jwettqu l-ispezzjonijiet, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed ħin disponibbli. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ ta' spezzjonijiet estiżi u wkoll għal spezzjonijiet ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri f'servizz regolari fejn tista' tiġi kkunsidrata l-operazzjoni tal-bastiment.

(13) Id-diġitalizzazzjoni hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir tad-data u l-komunikazzjoni, bil-ħsieb li tgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet u biex ir-riżorsi umani jintużaw b'effiċjenza. L-għadd ta' vapuri li bħalissa jġorru ċertifikati elettroniċi qiegħed jiżdied u mistenni li jiżdied. Għalhekk, jenħtieġ li l-effettività tal-kontroll tal-Istat tal-port tissaħħaħ billi jsir aktar użu miċ-ċertifikati elettroniċi biex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet aktar iffukati fuq il-vapuri u mħejjija aħjar.

(14) Il-kontroll tal-Istat tal-port qiegħed isir aktar kumpless hekk kif qed jiżdiedu rekwiżiti ġodda ta' spezzjoni, jew permezz tad-dritt tal-Unjoni jew permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk hemm bżonn li jiġi żgurat it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-uffiċjali ta' kontroll tal-Istat tal-port u li t-taħriġ tagħhom jiġi żviluppat kontinwament.

(15) (tħassar)

(16) Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni aġġornata tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali f'konformità mad-Direttiva, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornament tal-Konvenzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE u li temenda l-lista ta' proċeduri u linji gwida relatati mal-kontroll tal-Istat tal-port adottati mill-MtQ ta' Pariġi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[8]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

8 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(17) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-lista ta' Konvenzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikati elettroniċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

(18) (tħassar)

(19) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ taż-żjarat fl-Istati Membri mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE mhux aktar tard minn [għaxar snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu XX)] u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għal din l-evalwazzjoni.

(20) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura internazzjonali tat-trasport marittimu iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-effetti tan-network tal-Istati Membri li jaġixxu flimkien, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(20a) Jekk spezzjoni ma titwettaqx minħabba ċirkostanzi straordinarji u mhux previsti, bħal diżastri naturali, pandemiji jew emerġenzi tas-saħħa pubblika, attakki terroristiċi, kunflitti tax-xogħol, jenħtieġ li din ma tingħaddx bħala spezzjoni maqbuża. Jenħtieġ li dawn iċ-ċirkostanzi jkunu debitament ġustifikati u rrappurtati lill-Kummissjoni.

---

9 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(20b) Sabiex ma jiġix sfurzat piż amminstrattiv sproporzjonat fuq Stati Membri mingħajr kosta, jenħtieġ li regola *de minimis* tippermetti lil tali Stati Membri jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li jfisser li tali Stati Membri, sakemm jilħqu ċertu kriterji, mhumiex obbligati jittrasponu din id-Direttiva.

(21) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/16/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2009/16/KE**

Id-Direttiva 2009/16/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(l) il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma u s-Sedimenti tas-Saborra tal-Vapuri (il-Konvenzjoni BWM);

(m) il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Nairobi dwar it-Tneħħija ta' Fdalijiet ta' Bastimenti (il-Konvenzjoni ta' Nairobi);

(n) il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong tal-2009 għar-Riċiklaġġ tal-Vapuri Sikur u li jirrispetta l-Ambjent (il-Konvenzjoni ta' Hong Kong).";

(aa) fil-punt 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tinġis minn Vapuri, 1973, u l-Protokoll tal-1978 relatat magħha (Marpol 73/78);";

(ab) fil-punt 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, 1978, kif emendata;";

(b) jitħassar il-punt 3;

(bb) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. "Spettur" tfisser ħaddiem tas-settur pubbliku jew persuna oħra, debitament awtorizzati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru biex jagħmlu spezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port, u responsabbli lejn dik l-awtorità kompetenti.";

(bc) jiżdied il-punt li ġej:

"8a. "spezzjoni" tfisser verifika ġenerali tal-kundizzjoni tal-vapur, it-tagħmir tiegħu u l-ekwipaġġ tiegħu abbażi tal-Konvenzjonijiet applikabbli u mwettqa minn spettur. L-ispezzjoni mhijiex stħarriġ għall-ħruġ, l-approvazzjoni jew it-tiġdid taċ-ċertifikati statutorji u r-rapport tal-ispezzjoni pprovdut lill-kaptan mhuwiex ċertifikat.";

(bd) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. "spezzjoni inizjali" tfisser spezzjoni abbord vapur minn spettur, inkluż mill-inqas il-kontrolli meħtieġa mill-Artikolu 13(1).";

(be) il-punt 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. "Spezzjoni aktar dettaljat" tfisser spezzjoni inkluż l-ambitu ta' spezzjoni inizjali fejn il-vapur, it-tagħmir u l-ekwipaġġ tiegħu fis-sħuħija tagħhom jew, kif xieraq, partijiet minnhom ikunu soġġetti, fiċ-ċirkostanzi speċifikati fl-Artikolu 13(3), għal eżami dettaljat li jkopri l-kostruzzjoni, it-tagħmir, il-persunal tal-vapur, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-konformità ma' proċeduri operazzjonali ta' abbord."

(bf) il-punt 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. "Spezzjoni estiża" tfisser spezzjoni, inkluż l-ambitu ta' spezzjoni inizjali, li tkopri bħala minimu l-oġġetti elenkati fl-Anness VII. Spezzjoni estiża tista' tinkludi spezzjoni aktar dettaljata fejn hemm raġunijiet ċari f'konformità mal-Artikolu 13(3).";

(bg) il-paragrafu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. "Ċertifikat statutorju" tfisser ċertifikat maħruġ minn jew f'isem Stat tal-bandiera skont il-Konvenzjonijiet applikabbli.";

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(-a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jispezzjonaw vapur li jttajjar bandiera ta' Stat li mhuwiex parti għall-Konvenzjoni bi "klawżola ta' mhux aktar trattament favorevoli", l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trattament ta' dan il-vapur u l-ekwipaġġ tiegħu mhuwiex aktar favorevoli minn dak ta' vapur li jtajjar bandiera ta' Stat parti għal dik il-Konvenzjoni. Tali vapur għandu jkun soġġett għal spezzjoni aktar dettaljata, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-MtQ ta' Pariġi.";

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Bastimenti tas-sajd b'tul inqas minn 24 metru, vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri tal-injam b'binja primittiva, vapuri tal-gvern użati għal skopijiet mhux kummerċjali u jottijiet tad-divertiment li ma jkunux involuti fil-kummerċ għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-tul ta' bastiment tas-sajd għandu jiġi definit skont il-Ftehim ta' Cape Town tal-2012";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4a. L-Istati Membri jistgħu jwettqu spezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port ta' bastimenti tas-sajd b'tul ta' 24 metru jew aktar. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-MtQ ta' Pariġi, tista' tadotta linji gwida li jistabbilixxu l-modalitajiet ta' tali reġim speċifiku ta' kontroll tal-Istat tal-port parallel u separat għal dawn il-bastimenti tas-sajd.";

(3) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-ispezzjonijiet tal-vapuri mwettqa mill-Istati Membri li jaqbżu l-20 % tal-impenji ta' spezzjoni annwali tagħhom ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-impenji ta' spezzjoni annwali tal-Istati Membri li huma partijiet għall-MtQ ta' Pariġi.";

(4) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

Modalitajiet tal-konformità mal-impenn ta' spezzjoni

Stat Membru li jonqos milli jwettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 5(2)(a), madankollu jikkonforma mal-impenn tiegħu f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni jekk tali spezzjonijiet maqbuża ma jaqbżux l-10 % tal-għadd totali ta' vapuri ta' prijorità I li jidħlu fil-portijiet u fl-ankraġġi tiegħu, irrispettivament mill-profil ta' riskju tagħhom.

Minkejja l-perċentwali ta' spezzjonijiet maqbuża msemmija fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-ispezzjoni ta' vapuri, li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet, jidħlu fil-portijiet fl-Unjoni b'mod mhux frekwenti.

Minkejja l-perċentwali ta' spezzjonijiet maqbuża msemmija fl-ewwel subparagrafu, għal vapuri ta' Prijorità I li jidħlu fl-ankraġġi, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-ispezzjoni ta' vapuri bi profil ta' riskju għoli, li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet, jidħlu fil-portijiet fl-Unjoni b'mod mhux frekwenti.";

(5) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(-a) it-titolu u l-paragrafu 1 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Modalitajiet li jippermettu sehem ta' spezzjoni bbilanċjat fl-Unjoni*

1. Stat Membru li fih in-numru totali ta' waqfiet ta' vapuri ta' Prijorità I jisboq is-sehem ta' spezzjoni tiegħu imsemmi fl-Artikolu 5(2)(b), għandu jiġi kkunsidrat konformi ma' tali impenn, jekk numru ta' spezzjonijiet imwettqa minn dak l-Istat Membru jikkorrispondi tal-inqas mas-sehem ta' spezzjoni u jekk dak l-Istat Membru ma jħallix barra aktar minn 40 % tan-numru totali ta' vapuri ta' Prijorità I li jidħlu fil-portijiet u l-ankraġġi tiegħu.";

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Stat Membru, li fih l-għadd totali ta' waqfiet ta' vapuri ta' Prijorità I u ta' Prijorità II ikun inqas minn 150 % tas-sehem ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2) il-punt (b), għandu madankollu jitqies bħala li jikkonforma mal-impenn annwali ta' spezzjoni tiegħu jekk dak l-Istat Membru jwettaq spezzjonijiet ta' żewġ terzi tal-vapuri ta' Prijorità I u II tal-għadd totali ta' vapuri ta' Prijorità I u II li jidħlu fil-portijiet u fl-ankraġġi tiegħu.";

(6) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej, u jiżdiedu żewġ paragrafi ġodda:

"1. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jipposponi l-ispezzjoni ta' vapur ta' Prijorità I jew Prijorità II fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk l-ispezzjoni tista' titwettaq fi kwalunkwe waqfa sussegwenti tal-vapur fl-istess Stat Membru, dment li l-vapur ma jidħolx fi kwalunkwe port ieħor fl-Unjoni jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi bejn iż-żewġ waqfiet, minbarra kwalunkwe port tal-Istat tal-bandiera tal-vapur, u l-posponiment ma jkunx ta' aktar minn 15-il jum mill-ħin attwali tat-tluq; jew

(b) jekk l-ispezzjoni tista' titwettaq f'port ieħor tal-waqfa fl-Unjoni jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi fi żmien 15-il jum mill-ħin attwali tat-tluq, dment li l-Istat li fih jinsab it-tali port tal-waqfa jkun qabel bil-quddiem li jwettaq l-ispezzjoni, jew

(c) jekk l-ispezzjoni għal vapur, inkluż vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju ta' veloċità għolja għall-passiġġieri li joperaw f'servizz regolari, tista' titwettaq fl-istess port tal-waqfa fi żmien 15-il jum mill-ħin attwali tat-tluq.

2. Meta ma ssirx spezzjoni fuq vapur ta' Prijorità I jew Prijorità II minħabba raġunijiet operazzjonali, din ma għandhiex tingħadd bħala spezzjoni maqbuża, dment li r-raġuni għaliex inqabżet l-ispezzjoni tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u jekk iseħħu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li ġejjin:

(a) fil-ġudizzju tal-awtorità kompetenti, it-twettiq tal-ispezzjoni joħloq riskju għas-sikurezza tal-ispetturi, tal-vapur, tal-ekwipaġġ tiegħu jew tal-port jew tal-ambjent tal-baħar; jew

(b) il-vapur jidħol biss matul il-lejl kif previst fl-Artikolu 2(10). F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vapuri li jidħlu regolarment matul il-lejl jiġu spezzjonati kif xieraq; jew

(c) it-tul ta' żmien tal-waqfa tal-vapur huwa qasir wisq biex l-ispezzjoni titwettaq b'mod sodisfaċenti;

3. Jekk ma titwettaqx spezzjoni fuq vapur f'ankraġġ, hija m'għandhiex tingħadd bħala spezzjoni maqbuża jekk:

(a) il-vapur ikun spezzjonat f'port jew ankraġġ ieħor fil-Komunità jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi skont l-Anness I fi żmien 15-il jum; jew

(b) il-waqfa tal-vapur issir biss matul il-lejl jew it-tul ta żmien huwa qasir wisq biex l-ispezzjoni ssir b'mod sodisfaċenti, u r-raġuni għaliex l-ispezzjoni nqabżet tiġi rreġistrata fil-ġabra ta' data għall-ispezzjonijiet; jew

(c) fil-ġudizzju tal-awtorità kompetenti, it-twettiq tal-ispezzjoni joħloq riskju għas-sikurezza tal-ispetturi, tal-vapur, tal-ekwipaġġ tiegħu jew tal-port jew tal-ambjent tal-baħar, u r-raġuni għaliex l-ispezzjoni nqabżet tiġi rreġistrata fil-ġabra ta' data għall-ispezzjonijiet; jew

4. Jekk spezzjoni ma titwettaqx minħabba ċirkostanzi straordinarji u imprevisti, din ma għandhiex titqies bħala spezzjoni maqbuża u r-raġuni għaliex l-ispezzjoni nqabżet għandha tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet. Dawn iċ-ċirkostanzi għandhom ikunu debitament ġustifikati u rrappurtati lill-Kummissjoni.

5. L-ispezzjonijiet posposti f'konformità mal-paragrafi 1, 2, 3 jew 4 u rreġistrati fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet ma għandhomx jingħaddu għall-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru mal-impenn ta' spezzjoni msemmi fl-Artikoli 6 u 7.";

(7) (tħassar)

(8) jitħassar l-Artikolu 9;

(9) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-profil tar-riskju ta' vapur għandu jiġi determinat b'taħlita ta' parametri tar-riskju ġeneriċi, storiċi u ambjentali kif ġej:

(a) Parametri ġeneriċi

Il-parametri ġeneriċi għandhom ikunu bbażati fuq it-tip, l-età, il-bandiera, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti involuti u l-prestazzjoni tal-kumpanija skont l-Anness I, parti I.1 u l-Anness II.

(b) Parametri storiċi

Il-parametri storiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-għadd ta' nuqqasijiet u detenzjonijiet matul perjodu partikolari skont l-Anness I, parti I.2 u l-Anness II.

(c) Parametri ambjentali

Il-parametri ambjentali għandhom ikunu bbażati fuq l-għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-MARPOL, l-AFS, il-Konvenzjoni BWM, is-CLC 92, il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers, il-Konvenzjoni ta' Nairobi u l-Konvenzjoni ta' Hong Kong f'konformità mal-Anness I, il-Parti I.3 u l-Anness II, u jekk dawn in-nuqqasijiet humiex raġunijiet għad-detenzjoni.";

(9a) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni biex timplimenta metodoloġija għall-konsiderazzjoni ta' parametri ta' riskju ġeneriċi relatati b'mod partikolari mal-kriterji tal-Istat tal-bandiera u mal-kriterji ta' prestazzjoni ta' kumpanija adottati bil-MtQ ta' Pariġi fl-2019 li jistabbilixxi listi ta' prestazzjoni ta' livell għoli, standard jew baxxi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(3).";

(9b) Fl-Artikolu 13, il-punt (c) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ikun sodisfatt bil-kundizzjoni ġenerali tal-vapur, inkluż l-iġjene tal-vapur, inkluż il-kamra tal-magna u l-akkomodazzjoni.";

(9c) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(10) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kategoriji li ġejjin ta' vapuri huma eliġibbli għal spezzjoni estiża skont l-Anness I, il-parti II 3A u 3B:

— vapuri bi profil għoli ta' riskju,

— vapuri tal-passiġġieri, tankers taż-żejt, tankers tal-gass jew tal-kimika jew trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandhom aktar minn 12-il sena,

— vapuri bi profil ta' riskju għoli jew vapuri tal-passiġġieri, tankers taż-żejt, tankers tal-gass jew tal-kimika jew trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandhom aktar minn 12-il sena, f'każijiet ta' fatturi prevalenti jew mhux mistennijin,

— vapuri soġġetti għal spezzjoni wara ċaħda ta' ordni ta' aċċess maħruġa skont l-Artikolu 16 u 21.4.";

(ab) jitħassar il-paragrafu 3;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Spezzjoni estiża għandha titwettaq, kemm jista' jkun, minn mhux inqas minn żewġ uffiċjali tal-kontroll tal-Istat tal-port. L-ambitu ta' spezzjoni estiża, inklużi l-oqsma ta' riskju li għandhom jiġu koperti, huwa stabbilit fl-Anness VII. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri dettaljati biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-Anness VII. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).";

(11) l-Artikolu 14a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Artikolu 11 il-punt (a) u l-Artikolu 14 ma għandhomx japplikaw għal vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari spezzjonati skont dan l-Artikolu."

(b) jiddaħħal paragrafu ġdid:

"4a. L-operatur jew il-kaptan tal-vapur għandu jiżgura li hemm biżżejjed ħin disponibbli fl-iskeda tal-operat biex l-ispezzjoni estiża prevista fil-punti 1.1 u 2.a tal-Anness XVII, tkun tista' titwettaq.";

(12) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Stat Membru għandu jirrifjuta l-aċċess għall-portijiet u l-ankraġġi tiegħu lil kwalunkwe vapur li:

– itajjar il-bandiera ta' Stat fuq il-lista ta' prestazzjoni baxxa, adottata f'konformità mal-MtQ ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u kif ippubblikata kull sena mill-Kummissjoni, u li jkun inżamm aktar minn darbtejn matul is-36 xahar preċedenti f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi, jew

– itajjar il-bandiera ta' Stat fuq il-lista ta' prestazzjoni għolja jew standard, adottata f'konformità mal-MtQ ta' Pariġi fuq il-bażi ta' informazzjoni rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u kif ippubblikata kull sena mill-Kummissjoni, u li jkun inżamm aktar minn darbtejn matul l-24 xahar preċedenti f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi.

L-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(6).

Ir-rifjut tal-aċċess għandu jkun applikabbli malli l-vapur iħalli l-port jew l-ankraġġ fejn ikun ġie soġġett għat-tielet detenzjoni u fejn tkun inħarġet ordni ta' rifjut tal-aċċess.";

(aa) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandu jitneħħa biss wara li jkun għadda perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-ħruġ tal-ordni u meta l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Anness VIII ikunu ġew sodisfatti."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe detenzjoni sussegwenti f'port jew f'ankraġġ ta' Stat Membru jew ta' Stat firmatarju tal-MtQ ta' Pariġi għandha tirriżulta fil-fatt li l-vapur jiġi rrifjutat l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ fl-Unjoni. Din it-tielet ordni ta' rifjut tal-aċċess tista' titneħħa wara li jkun għadda perjodu ta' 24 xahar mill-ħruġ tal-ordni u biss jekk:

– (-a) il-vapur itajjar il-bandiera ta' Stat li r-rata tad-detenzjoni tiegħu la tidher fuq il-lista ta' prestazzjoni baxxa u lanqas fuq il-lista ta' prestazzjoni standard msemmijin fil-paragrafu 1,

– (a) iċ-ċertifikati statutorji u ta' klassifikazzjoni tal-vapur jinħarġu minn organizzazzjoni jew minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10],

– (b) il-vapur huwa ġestit minn kumpanija bi prestazzjoni għolja skont l-Anness I, il-Parti I.1, u

– (c) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Anness VIII.

Kull vapur li ma jissodisfax il-kriterji speċifikati f'dan il-paragrafu, wara li jkun għadda l-perjodu ta' 24 xahar mill-ħruġ tal-ordni, għandu jiġi rrifjutat permanentement l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ fl-Unjoni."

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Kwalunkwe detenzjoni sussegwenti ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat li jidher fuq il-lista ta' prestazzjoni standard jew baxxa, kif ippubblikata fir-rapport annwali tal-MtQ ta' Pariġi, f'port jew f'ankraġġ fl-Unjoni wara t-tielet rifjut tal-aċċess għandha twassal biex il-vapur jiġi rrifjutat permanentement l-aċċess għal kwalunkwe port u ankraġġ fl-Unjoni."

---

**10** Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.)";

(d) Jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"4a. Vapur li jtajjar il-bandiera ta' Stat li jidher fuq il-lista ta' prestazzjoni għolja u li jinżamm f'port jew ankraġġ tal-Unjoni fiż-żmien tal-ewwel spezzjoni tiegħu fl-Unjoni wara t-tielet rifjut jew kwalunkwe rifjut sussegwenti ta' aċċess, għandu:

a) jiġi rrifjutat l-aċċess għal kwalunkwe port jew ankraġġ tal-Unjoni għal perjodu ta' 24 xahar, jekk iċ-ċertifikati statutorji u ta' klassifikazzjoni tal-vapur jinħarġu minn organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009;

b) jiġi rrifjutat permanentement l-aċċess għal kwalunkwe port jew ankraġġ tal-Unjoni jekk iċ-ċertifikati statutorji jew ta' klassifikazzjoni tal-vapur ma jinħarġux minn organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009.

4b. Ir-rifjut ta' perjodi ta' aċċess għal detenzjonijiet multipli ser jiġi estiż bi 12-il xahar meta tapplika miżura ta' rifjut ta' aċċess skont l-Artikolu 21.4.";

(12a) Fl-Artikolu 17, l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

"Hekk kif titlesta spezzjoni, l-ispettur għandu jfassal rapport skont l-Anness IX. Il-kaptan tal-vapur għandu jingħata kopja tar-rapport tal-ispezzjoni.";

(12b) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-sid jew l-operatur ta' vapur jew ir-rappreżentant tiegħu fl-Istat Membru għandu jkollu dritt ta' appell kontra kwalunkwe detenzjoni jew ċaħda ta' aċċess mill-awtorità kompetenti. Appell m'għandux iġib is-sospensjoni tad-detenzjoni jew taċ-ċaħda tal-aċċess.";

(13) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-aċċess għal kwalunkwe port jew ankraġġ fl-Unjoni jiġi rrifjutat għall-vapuri msemmija fil-paragrafu 1 li jipproċedu lejn il-baħar u għall-vapuri miżmuma msemmija fl-Artikolu 19.2 li jipproċedu lejn il-baħar:

(a) mingħajr ma jikkonformaw mal-kundizzjonijiet determinati mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru fil-port ta' spezzjoni; jew

(b) li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti applikabbli tal-Konvenzjonijiet billi ma jidħlux fil-baċir għat-tiswija indikat.

L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandu jitneħħa wara li jkun għadda perjodu ta' tnax-il xahar u l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Anness VIII ikunu ġew sodisfatti. L-ordni ta' rifjut tal-aċċess għandha ssir applikabbli mid-data tal-ħruġ tagħha.";

(b) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi 4(b), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab il-baċir għat-tiswija għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li żamm il-vapur jekk dan wasalx jew le. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun instab difettuż il-vapur issir taf li l-vapur ma jkunx daħal f'baċir għat-tiswija, din għandha minnufih tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 4(b) u jekk il-baċir għat-tiswija ma jkunx fi Stat Membru, meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun instab difettuż il-vapur issir taf li l-vapur ma jkunx daħal f'baċir għat-tiswija, din għandha minnufih tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, jista' jiġi permess aċċess għal port jew ankraġġ speċifiku mill-awtorità rilevanti ta' dak l-Istat tal-port fil-każ ta' forza maġġuri jew konsiderazzjonijiet prevalenti ta' sikurezza, jew biex jitnaqqas jew jiġi mminimizzat ir-riskju ta' tniġġis jew jiġu rettifikati n-nuqqasijiet skont l-Artikolu 21(1), kemm-il darba jkunu ġew implimentati miżuri adegwati għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru mis-sid, l-operatur jew il-kaptan tal-vapur biex jiġi żgurat dħul sigur.";

(14) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u abbażi tal-għarfien espert u l-esperjenza miksuba fil-livell tal-Istati Membri fl-Unjoni u skont il-MtQ ta' Pariġi, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa gwida u rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb il-Politika ta' Taħriġ tal-MtQ ta' Pariġi.

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-MtQ ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha, fuq bażi kontinwa, tidentifika u tipprovdi ħtiġijiet ġodda ta' taħriġ bħala input biex jiġu emendati l-kurrikuli, is-sillabi u l-kontenut tal-programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali tal-MtQ ta' Pariġi għall-ispetturi, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u fir-rigward tal-obbligi addizzjonali li jirriżultaw mill-istrumenti rilevanti.";

(15) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-ħin attwali tal-wasla u l-ħin attwali tat-tluq ta' kwalunkwe vapur li jidħol fil-portijiet u l-ankraġġi, flimkien ma' identifikatur tal-port ikkonċernat, tiġi ttrasferita fi żmien tliet sigħat mill-ħin tal-wasla u tat-tluq rispettivament fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni marittima tal-Unjoni "SafeSeaNet" imsemmija fl-Artikolu 3 il-punt (s) tad-Direttiva 2002/59/KE. Ladarba jkunu ttrasferew tali informazzjoni fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet permezz ta' SafeSeaNet, l-Istati Membri jkunu eżentati mill-forniment ta' data bi qbil mal-punti 1.2 u 2(a) u (b) tal-Anness XIV ta' din id-Direttiva."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni marbuta mal-ispezzjonijiet imwettqin f'konformità ma' din id-Direttiva tiġi ttrasferita fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet hekk kif jitlesta r-rapport ta' spezzjoni jew titneħħa d-detenzjoni.

Fi żmien 72 siegħa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ttrasferita fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet tiġi vvalidata għal finijiet ta' pubblikazzjoni. Ir-rapport ta' spezzjoni għandu jiġi vvalidat, sa fejn ikun possibbli, qabel it-trasferiment tiegħu fil-bażi tad-data, minn spettur tal-kontroll tal-Istat tal-port jew minn impjegat ieħor debitament awtorizzat tal-awtorità kompetenti li ma kienx parti mit-tim li wettaq l-ispezzjoni.";

(16) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 24a*

Ċertifikati elettroniċi

1. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaċċa armonizzata tar-rapportar u għodda ta' validazzjoni għaċ-ċertifikati statutorji elettroniċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).

2. L-Istati Membri fil-funzjoni tagħhom bħala Stati tal-bandiera li jagħżlu li jużaw l-interfaċċa armonizzata tar-rapportar u l-għodda ta' validazzjoni għaċ-ċertifikati statutorji elettroniċi jistgħu jagħmlu dan biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn iċ-ċertifikati elettroniċi.

3. (tħassar)

4. (tħassar);"

(17) l-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 25*

Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet jew il-korpi tal-port tiegħu u l-awtoritajiet jew korpi rilevanti oħrajn jipprovdu lill-awtorità tal-kontroll tal-Istat tal-port it-tipi ta' informazzjoni li ġejjin li jkollhom:

(a) informazzjoni dwar vapuri li naqsu milli jinnotifikaw kwalunkwe informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, id-Direttiva 2002/59/KE u d-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], kif ukoll, jekk xieraq, tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet,

(b) informazzjoni dwar il-vapuri li pproċedew bil-baħar mingħajr ma kkonformaw mal-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2019/883 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet,

(c) informazzjoni dwar vapuri li nċaħdilhom dħul jew tkeċċew minn port minħabba raġunijiet ta' sigurtà,

(d) informazzjoni dwar anomaliji apparenti f'konformità mal-Artikolu 23.";

---

[11] Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116)."

(18) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 30*

Monitoraġġ ta' konformità u prestazzjoni tal-Istati Membri

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva u biex ikun immonitorjat il-funzjonament ġenerali tar-reġim tal-kontroll tal-Istat tal-port tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(b) il-punt (i) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni meħtieġa u twettaq żjarat fl-Istati Membri.

Kull Stat Membru jista' jiżviluppa, jimplimenta u jżomm sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għall-partijiet operazzjonali tal-attivitajiet tal-amministrazzjoni tiegħu, relatati mal-Istat tal-port. Tali sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għandha tiġi ċertifikata f'konformità mal-istandards ta' kwalità internazzjonali applikabbli.";

(19) l-Artikolu 30a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 30a*

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30b, biex jiġi emendat l-Artikolu 2(1) biex tiġi emendata l-lista ta' Konvenzjonijiet stabbilita fl-Artikolu 2(1) ladarba tali Konvenzjonijiet ikunu ġew adottati bħala strument rilevanti mill-MtQ ta' Pariġi u biex jiġi emendat l-Anness VI sabiex tiżdied u/jew tiġi aġġornata l-lista ta' proċeduri, deċiżjonijiet u linji gwida relatati mal-kontroll tal-Istat tal-port adottata mill-MtQ ta' Pariġi stabbilit f'dak l-Anness."

(20) (tħassar)

(21) l-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 33*

Regoli ta' implimentazzjoni

Meta tistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 10(3), 14(4), 15(3), 18a(7), 23(5) u l-Artikolu 27 skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 31(2), il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb b'mod speċifiku biex tiżgura li dawk ir-regoli jqisu l-għarfien espert u l-esperjenza miksuba bis-sistema tal-ispezzjonijiet fl-Unjoni u fuq il-bażi tal-għarfien espert tal-MtQ ta' Pariġi.";

(22) l-Artikolu 35 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 35*

Rieżami tal-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: [għaxar snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità magħha.";

(23) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva.

(24) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

(25) L-Anness III jitħassar.

(26) L-Anness IV huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

(27) L-Anness V huwa sostitwit bit-test tal-Anness IV ta' din id-Direttiva.

(28) L-Anness VIII huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' din id-Direttiva.

(28a) L-Anness XII huwa sostitwit bit-test fl-Anness VI ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri li m'għandhomx portijiet marittimi u li jistgħu jivverifikaw li min-numru totali ta' bastimenti individwali li jidħlu annwalment matul perjodu tat-tliet snin preċedenti fil-portijiet tax-xmajjar tagħhom, inqas minn 5 % ikunu vapuri koperti minn din id-Direttiva, jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

"I. Profil ta' Riskju ta' Vapur

Il-profil ta' riskju ta' vapur għandu jiġi ddeterminat permezz ta' taħlita tal-parametri ġeneriċi, storiċi, u ambjentali li ġejjin.

**1. Parametri ġeneriċi**

(a) Tip ta' vapur

Vapuri tal-passiġġieri, tankers taż-żejt u tal-kimika, tankers tal-gass, tankers għas-sustanzi likwidi noċivi (NLS) u trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.

(b) Kemm għandu żmien il-vapur

Vapuri li għandhom aktar minn 12-il sena għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.

(c) Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera

(i) Vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat b'rata għolja ta' detenzjoni fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.

(ii) Vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat b'rata ta' detenzjoni baxxa fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

(iii) Vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat li jkun irratifika l-istrumenti obbligatorji kollha tal-OMI u l-ILO elenkati fl-Artikolu 2(1) għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

(d) Organizzazzjonijiet rikonoxxuti

(i) Vapuri li jkunu ngħataw ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti li għandhom livell ta' prestazzjoni baxx jew baxx ħafna b'rabta mar-rati ta' detenzjoni tagħhom fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.

(ii) Vapuri li jkunu ngħataw ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti li għandhom livell ta' prestazzjoni għoli b'rabta mar-rati ta' detenzjoni tagħhom fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

(iii) Vapuri li jkunu nħarġulhom ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 391/2009.

(e) Prestazzjoni ta' kumpanija

(i) Vapuri ta' kumpanija bi prestazzjoni baxxa jew baxxa ħafna kif determinat mir-rati ta' nuqqasijiet u ta' detenzjoni tal-vapuri tagħha fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.

(ii) Vapuri ta' kumpanija bi prestazzjoni għolja kif determinat mir-rati ta' nuqqasijiet u ta' detenzjoni tal-vapuri tagħha fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

**2. Parametri storiċi**

(i) Vapuri li nżammu għal aktar minn darba, għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jippreżentaw riskju ogħla.

(ii) Vapuri li, waqt spezzjoni(ijiet) imwettqa fil-perjodu msemmi fl-Anness II kellhom inqas mill-għadd ta' nuqqasijiet msemmija fl-Anness II, għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

(iii) Vapuri li ma nżammux waqt il-perjodu msemmi fl-Anness II għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

Il-parametri tar-riskju għandhom ikunu kkombinati permezz ta' ponderazzjoni li tirrifletti l-influwenza relattiva ta' kull parametru fuq ir-riskju ġenerali tal-vapur sabiex jiġu ddeterminati l-profili ta' riskju li ġejjin tal-vapur:

– livell ta' riskju għoli,

– livell ta' riskju standard,

– livell ta' riskju baxx.

Meta jiġu ddeterminati dawn il-profili ta' riskju għandha tingħata enfasi akbar lill-parametri tat-tip ta' vapur, il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u l-prestazzjoni tal-kumpanija.

**3. Parametri ambjentali**

Vapuri li, waqt spezzjoni(ijiet) imwettqin fil-perjodu msemmi fl-Anness II, kellhom aktar mill-għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-MARPOL, l-AFS, il-Konvenzjoni BWM, is-CLC 92, il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers u l-Konvenzjonijiet ta' Nairobi u ta' Hong Kong imsemmijin fl-Anness II, u mill-inqas waħda minn dawn i-nuqqasijiet tkun raġuni għal detenzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.

**II. Spezzjoni ta' vapuri**

**1. Spezzjonijiet perjodiċi**

L-ispezzjonijiet perjodiċi għandhom jitwettqu f'intervalli predeterminati. Il-frekwenza tagħhom għandha tkun determinata mill-profil tar-riskju tal-vapur. L-intervall bejn l-ispezzjonijiet perjodiċi ta' vapuri ta' riskju għoli m'għandux jisboq is-sitt xhur. L-intervall bejn l-ispezzjonijiet perjodiċi tal-vapuri għandu jiżdied kif ir-riskju tagħhom jonqos.

L-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjoni perjodika lil:

– Kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju għoli li ma kienx spezzjonat f'port jew f'ankraġġ fil-Komunità jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi waqt l-aħħar sitt xhur. Il-vapuri ta' riskju għoli isiru eliġibbli għal spezzjoni sa mill-ħames xahar.

– Kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju standard li ma kienx spezzjonat f'port jew f'ankraġġ fil-Komunità jew tar-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi waqt l-aħħar 12-il xahar. Il-vapuri ta' riskju standard isiru eliġibbli għal spezzjoni sa mill-għaxar xahar.

– Kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju baxx li ma kienx spezzjonat f'port jew f'ankraġġ tal-Komunità jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi waqt l-aħħar 36 xahar. Il-vapuri b'riskju baxx isiru eliġibbli għal spezzjoni sa mill-24 xahar.

**2. Spezzjonijiet addizzjonali**

Il-vapuri li għalihom il-fatturi prevalenti jew mhux mistennijin li ġejjin huma soġġetti għal spezzjoni irrispettivament mill-perjodu mill-aħħar spezzjoni perjodika tagħhom. Madankollu, il-ħtieġa li titwettaq spezzjoni addizzjonali abbażi ta' fatturi mhux mistennijin titħalla f'idejn il-ġudizzju professjonali tal-ispettur.

2A. Fatturi prevalenti

Il-vapuri li għalihom japplikaw il-fatturi prevalenti li ġejjin għandhom ikunu spezzjonati irrispettivament mill-perjodu mill-aħħar spezzjoni perjodika tagħhom:

- Vapuri li kienu sospiżi jew imneħħija mill-klassi tagħhom għal raġunijiet ta' sikurezza sa mill-aħħar spezzjoni fil-Komunità jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi.
- Vapuri li kienu s-suġġett ta' rapport jew notifika minn Stat Membru ieħor.
- Vapuri li ma jistgħux ikunu identifikati fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet.
- Vapuri li:
  - kienu involuti f'ħabta, ħbit mal-qiegħ jew inkaljar fi triqthom lejn il-port,
  - kienu akkużati bi vjolazzjoni allegata tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimi ta' sustanzi jew nixxigħat li jagħmlu l-ħsara, jew
  - kienu mmanuvrati b'mod erratiku jew ta' periklu li bihom il-miżuri tar-rotta, adottati mill-OMI, jew il-prattiki u l-proċeduri ta' navigazzjoni sikura ma kinux ġew segwiti, jew
  - vapuri li kienu preċedentement pprojbiti (spezzjoni li jmiss wara t-tneħħija tal-ordni ta' rifjut tal-aċċess), jew
  - kienu involuti f'inċident serju, speċjalment nar kbir abbord, ħsara fil-magna u aċċidenti fatali.

2.B. Fatturi mhux mistennijin

Vapuri li għalihom japplikaw il-fatturi mhux mistennijin li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għal spezzjoni irrispettivament mill-perjodu mill-aħħar spezzjoni perjodika tagħhom. Id-deċiżjoni li titwettaq tali spezzjoni addizzjonali titħalla f'idejn il-ġudizzju professjonali tal-awtorità kompetenti:

- Vapuri li jġorru ċertifikati maħruġin minn organizzazzjoni li qabel kienet rikonoxxuta li r-rikonoxximent tagħha kien irtirat mill-aħħar spezzjoni fil-Komunità jew fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi.
- Vapuri li kienu rrapportati minn piloti jew awtoritajiet jew korpi tal-port bħala li għandhom anomaliji apparenti li jistgħu jippreġudikaw in-navigazzjoni sikura tagħhom jew ikunu ta' theddida ta' ħsara lill-ambjent skont l-Artikolu 23 ta' din id-Direttiva u li jistgħu jinkludu informazzjoni mis-Servizzi tat-Traffiku tal-Bastimenti dwar in-navigazzjoni tal-vapuri.
- Vapuri li naqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' notifika rilevanti msemmija fid-Direttiva (UE) 2019/883/KE.
- Vapuri li kienu s-suġġett ta' rapport jew ta' lment, inkluż ilment fuq l-art, mill-kaptan, membru tal-ekwipaġġ, jew xi persuna jew organizzazzjoni b'interess leġittimu fl-operat b'sikurezza tal-vapur, kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord jew il-prevenzjoni tat-tniġġis, sakemm l-Istat Membru kkonċernat iqis li r-rapport jew l-ilment ikun manifestament mingħajr bażi.
- Vapuri rrappurtati b'nuqqas pendenti fil-qasam tal-ISM (3 xhur wara l-ħruġ tan-nuqqas).
- Vapuri li nżammu preċedentement aktar minn tliet xhur ilu.
- Vapuri li kienu rrappurtati bi problemi rigward il-merkanzija tagħhom, partikolarment merkanziji noċivi u perikolużi.
- Vapuri li kienu operati b'mod li jkunu ta' periklu lil persuni, proprjetà jew ambjent.
- Vapuri fejn informazzjoni minn sors li tista' toqgħod fuqu saret magħrufa, li l-parametri tar-riskji tagħhom ivarjaw minn dawk irreġistrati u l-livell tar-riskju huwa għalhekk miżjud.
- Vapuri li għalihom sar qbil dwar pjan ta' azzjoni li jirrettifika nuqqasijiet kif imsemmi fl-Artikolu 19(2a) iżda li fir-rigward tagħhom l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan ma ġietx ivverifikata minn spettur.

**3. Skema ta' selezzjoni**

3A. Vapuri ta' Prijorità I għandhom ikunu spezzjonati kif ġej:

(a) Spezzjoni estiża għandha titwettaq fuq:

– kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju għoli mhux spezzjonat fl-aħħar sitt xhur,

– kwalunkwe vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena, bi profil tar-riskju standard mhux spezzjonat fl-aħħar 12-il xahar.

(b) Spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata, kif adatt, għandha titwettaq lil:

– kwalunkwe vapur barra minn vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena, bi profil ta' riskju baxx mhux spezzjonat fl-aħħar 12-il xahar.

(c) Fil-każ ta' fattur prevalenti.

– Spezzjoni aktar dettaljata jew estiża, skont il-ġudizzju professjonali tal-ispettur, għandha titwettaq fuq kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju għoli u fuq kwalunkwe vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena.

– Spezzjoni aktar dettaljata għandha titwettaq fuq kwalunkwe vapur barra minn vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena.

– Spezzjoni estiża għandha titwettaq fuq kwalunkwe vapur fl-ewwel spezzjoni wara t-tneħħija ta' ordni ta' rifjut tal-aċċess

3B. Fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tispezzjona vapur ta' Prijorità II, għandu japplika dan li ġej:

(a) Spezzjoni estiża għandha titwettaq fuq:

– Kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju għoli mhux spezzjonat fl-aħħar ħames xhur,

– kwalunkwe vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena, bi profil tar-riskju standard mhux spezzjonat fl-aħħar 10 xhur, jew

– kwalunkwe vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena, bi profil tar-riskju baxx mhux spezzjonat fl-aħħar 24 xahar.

(b) Spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata, kif adatt, għandha titwettaq lil:

– kwalunkwe vapur barra minn vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena, bi profil ta' riskju standard mhux spezzjonat fl-aħħar 10 xhur, jew

– kwalunkwe vapur barra minn vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena, bi profil ta' riskju baxx mhux spezzjonat fl-aħħar 24 xahar.

(c) Fil-każ ta' fattur mhux mistenni:

– spezzjoni aktar dettaljata jew estiża, skont il-ġudizzju professjonali tal-ispettur, għandha titwettaq fuq kwalunkwe vapur bi profil ta' riskju għoli jew kwalunkwe vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena,

– spezzjoni aktar dettaljata għandha titwettaq fuq kwalunkwe vapur barra minn vapur tal-passiġġieri, tanker taż-żejt, tanker tal-gass, tal-NLS jew tal-kimika jew trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa, li għandu aktar minn 12-il sena.

ANNESS II

**DISINN TA' PROFIL TA' RISKJU TAL-VAPUR**

**(kif imsemmi fl-Artikolu 10(2))**

| | | | | Profil | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Vapur b'Livell ta' Riskju Għoli (HRS) | | Vapur b'Livell ta' Riskju Standard (SRS) | Vapur b'Livell ta' Riskju Baxx (LRS) |
| Parametri ġeneriċi | | | | Kriterji | Punti ta' ponderazzjoni | Kriterji | Kriterji |
| 1 | Tip ta' vapur | | | Tanker tas-sustanzi kimiċi Tanker tal-Gass Tanker taż-żejt Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa Vapur tal-passiġġieri NLS | 1 | la vapur b'livell ta' riskju għoli u lanqas vapur b'livell ta' riskju baxx | It-tipi kollha |
| 2 | Kemm għandu żmien il-vapur | | | it-tipi kollha > 12-il sena | 1 | | Ta' kull żmien |
| 3a | Bandiera | Prestazzjoni baxxa | | | 2 | | Prestazzjoni għolja |
| 3b | | L-istrumenti kollha tal-OMI/ILO elenkati fl-Artikolu 2 ratifikati | | - | - | | Iva |
| 3c | | (tħassar) | | (tħassar) | | | |
| 4a | Organizzazzjoni rikonoxxuta | Prestazzjoni | H | - | - | | Għolja |
| | | | M | - | - | | - |
| | | | L | Baxxa | 1 | | - |
| | | | VL | Baxxa ħafna | | | - |
| 4b | | Rikonoxxuti mill-UE | | - | - | | Iva |
| 5 | Kumpanija | Prestazzjoni | H | - | - | | Għolja |
| | | | M | - | - | | - |
| | | | L | Baxxa | 2 | | - |
| | | | VL | Baxxa ħafna | | | - |
| Parametri storiċi | | | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Għadd ta' nuqqasijiet reġistrati waqt kull spezzjoni fl-aħħar 36 xahar | Nuqqasijiet | >6 f'waħda mill-ispezzjonijiet | - | | ≤ 5 f'kull spezzjoni individwali (u mill-inqas spezzjoni waħda mwettqa fl-aħħar 36 xahar) |
| 7 | Għadd ta' detenzjonijiet fl-aħħar 36 xahar | Detenzjonijiet | ≥ 2 detenzjonijiet | 1 | | L-ebda detenzjoni |
| Parametri ambjentali | | | | | | |
| 8 | (tħassar) | (tħassar) | (tħassar) | (tħassar) | | |
| 9 | L-għadd ta' nuqqasijiet relatati mal-MARPOL, l-AFS, il-BWM, is-CLC 92, il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers, dik ta' Nairobi u dik ta' Hong Kong irreġistrati f'kull spezzjoni fl-aħħar 36 xahar | Nuqqasijiet | >3 f'waħda mill-ispezzjonijiet, fejn waħda minnhom tkun raġuni għad-detenzjoni | 1 | | |

L-HRS huma vapuri li jissodisfaw il-kriterji għal valur totali ta' ħames punti ta' ponderazzjoni jew aktar. L-LRS huma vapuri li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-Parametri għar-Riskju Baxx.

L-SRS huma vapuri li la huma HRS u lanqas LRS

**ANNESS III**

"**Anness IV**

**LISTA TA' ĊERTIFIKATI U DOKUMENTI**

**(kif imsemmi fl-Artikolu 13(1))**

Parti A Lista ta' ċertifikati u dokumenti li sa fejn applikabbli għandhom jiġu vverifikati bħala minimu matul l-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 2.2.3 (kif xieraq):

1. Ċertifikat ta' Tunnellaġġ Internazzjonali;
2. Rapporti ta' spezzjonijiet preċedenti ta' kontroll tal-Istat tal-port;
3. Ċertifikat tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
4. Ċertifikat ta' Kostruzzjoni tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
5. Ċertifikat tat-Tagħmir tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
6. Ċertifikat tar-Radju tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
7. Ċertifikat tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
8. Ċertifikat ta' Eżenzjoni (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
9. Dokument dwar l-Ekwipaġġ Minimu Sikur (SOLAS 1974, ir-regolament V/14.2);
10. Ċertifikat Internazzjonali tal-Linja tat-Tagħbija (1966) (LLC 66/88, l-artikolu 16.1);
11. Ċertifikat Internazzjonali ta' Eżenzjoni tal-Linja tat-Tagħbija (LLC 66/88, l-artikolu 16.2);
12. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis miż-Żejt (MARPOL, l-Anness I, ir-regolament 7.1);
13. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis għall-Ġarr ta' Sustanzi Likwidi Noċivi bl-Ingrossa (NLS) (MARPOL, l-Anness II, ir-regolament 9.1);
14. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mid-Drenaġġ (ISPPC) (MARPOL, l-Anness IV, ir-regolament 5.1, MEPC.1/Circ.408);
15. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Arja (IAPPC) (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 6.1);
16. Ċertifikat Internazzjonali tal-Effiċjenza Enerġetika (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 6);
17. Ċertifikat Internazzjonali għall-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra (IBWMC) (BWMC l-Art 9.1(a) u r-regolament E-2);
18. Ċertifikat Internazzjonali tas-Sistema ta' Antifouling (ċertifikat tal-IAFS) (AFS 2001 l-Anness 4 tar-regolament 2);
19. Dikjarazzjoni dwar l-AFS (AFS 2001 l-Anness 4 tar-regolament 5);
20. Ċertifikat Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Vapuri (ISSC) jew Ċertifikat Internazzjonali Interim għas-Sigurtà tal-Vapuri (il-Kodiċi ISPS il-parti A/19 u l-appendiċijiet);
21. Ċertifikati għall-kaptani, l-uffiċjali jew il-klassifikazzjonijiet maħruġa f'konformità mal-Konvenzjoni STCW (STCW l-Art. VI, ir-regolament I/2 u t-taqsima A-I/2 tal-Kodiċi STCW);
22. Kopja tad-Dokument ta' Konformità jew kopja tad-Dokument Interim ta' Konformità maħruġ f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għat-Tħaddim Sikur tal-Vapuri u għall-Kodiċi tal-ISM tal-Prevenzjoni tat-Tniġġis (DoC) (ir-regolament SOLAS IX/4.2, il-Kodiċi ISM, il-paragrafi 13 u 14);

23. Ċertifikat ta' Ġestjoni tas-Sikurezza jew Ċertifikat Interim ta' Ġestjoni tas-Sikurezza maħruġ f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għat-tħaddim Sikur tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (SMC) (SOLAS 1974, ir-regolament IX/4.3, il-Kodiċi ISM, il-paragrafi 13 u 14);
24. Ċertifikat Internazzjonali ta' Idoneità għat-Trasport ta' Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, jew iċ-Ċertifikat ta' Idoneità għat-Trasport ta' Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, skont liema jkun xieraq (ir-regolament 1.5.4 dwar il-Kodiċi tal-IGC jew ir-regolament 1.6 dwar il-Kodiċi tal-GC);
25. Ċertifikat Internazzjonali ta' Idoneità għat-Trasport ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi bl-Ingrossa, jew iċ-Ċertifikat ta' Idoneità għat-Trasport ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi bl-Ingrossa, skont liema jkun xieraq (ir-regolament 1.45.4 dwar il-Kodiċi tal-IBC u r-regolament 1.6.3 dwar il-Kodiċi tal-BCH); 26 INF (il-Kodiċi Internazzjonali għat-Trasport Sikur ta' Fjuwil Nukleari Rradjat Imballat, Plutonju u Skart Radjuattiv ta' Livell Għoli Abbord il-Vapuri) Ċertifikat ta' Idoneità (ir-regolament SOLAS VII/16 u l-Kodiċi INF reg.1.3);
26. INF (il-Kodiċi Internazzjonali għat-Trasport Sikur ta' Fjuwil Nukleari Irradjat Imballat, Plutonju u Skart Radjuattiv ta' Livell Għoli Abbord il-Vapuri) Ċertifikat ta' Idoneità (ir-regolament SOLAS VII/16 u l-Kodiċi INF reg.1.3);
27. Ċertifikat ta' assigurazzjoni jew kwalunkwe sigurtà finanzjarja oħra fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili għad-danni mit-tniġġis taż-żejt (CLC 69/92 l-art. VII.2);
28. Ċertifikat tal-assigurazzjoni jew kwalunkwe garanzija finanzjarja oħra fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili għad-danni mit-tniġġis taż-żejt tal-bunkers (BUNKERS 2001 l-art. 7.2);
29. Ċertifikat ta' Assigurazzjoni jew Sigurtà Finanzjarja oħra fir-rigward tar-Responsabbiltà għat-Tneħħija ta' Relitti (Tneħħija tar-Relitti, l-Artikolu 12);
30. Ċertifikat ta' Sikurezza tal-Inġenji ta' Veloċità Għolja u Permess għat-Tħaddim ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja (SOLAS 1974, ir-regolament X/3.2 u l-Kodiċi 94/00 tal-HSC ir-regolamenti 1.8.1 u 1.9);
31. Dokument ta' konformità mar-rekwiżiti speċjali għall-vapuri li jġorru merkanzija perikoluża (SOLAS 1974, ir-regolament II-2/19.4);
32. Dokument ta' awtorizzazzjoni għall-ġarr tal-ħbub u manwal dwar it-tagħbija tal-ħbub (SOLAS 1974, ir-regolament VI/9; Il-Kodiċi Internazzjonali għall-Ġarr Sikur ta' Ħbub bl-Ingrossa, it-taqsima 3);
33. Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Iskema ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni (CAS), Rapport Finali tal-CAS u Rekord ta' Rieżami (MARPOL l-Anness I, ir-regolamenti 20 u 21; ir-riżoluzzjoni MEPC.94(46), kif emendata bir-riżoluzzjonijiet MEPC.99(48), MEPC.112(50), MEPC.131(53), ir-riżoluzzjoni MEPC.155(55), u MEPC.236(65);
34. Reġistru Sinottiku Kontinwu (SOLAS 1974, ir-regolament XI-1/5);
35. Ktieb tar-Rekords taż-Żejt, il-partijiet I u II (MARPOL, l-Anness I, ir-regolamenti 17 u 36);
36. Ktieb tar-Rekords tal-Merkanzija (MARPOL, l-Anness II, ir-regolament 15);
37. Ktieb tar-Rekords tal-Iskart, il-partijiet I u II (MARPOL, l-Anness V, ir-regolament 10.3); (MARPOL, l-Anness V, ir-regolament 10);
38. Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart (MARPOL, l-Anness V, ir-regolament 10; ir-riżoluzzjoni MEPC.220(63));
39. Ġurnal ta' abbord u r-reġistrazzjonijiet tal-livell u tal-istatus mixgħul/mitfi tal-magni tad-diżil tal-baħar (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 13.5.3);
40. Ġurnal ta' abbord għall-bidla taż-żejt tal-fjuwil (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 14.6);
41. Ktieb tar-Rekords tas-Sustanzi li Jnaqqsu l-Ożonu (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 12.6);
42. Ktieb tar-Rekords tal-Ilma tas-Saborra (BWRB) (BWMC l-Art 9.1 (b) u r-regolament B-2);
43. Sistemi fissi għat-tifi tan-nar bil-gass – Ċertifikat ta' Eżenzjoni tal-ispazji tal-merkanzija u kwalunkwe lista ta' merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament II-2/10.7.1.4);

44. Manifest jew pjan ta' stivar ta' oġġetti perikolużi (SOLAS 1974, ir-regolamenti VII/4 u VII/7-2; MARPOL, l-Anness III, ir-regolament 54);
45. Għat-tankers taż-żejt, ir-rekord tas-sistema ta' monitoraġġ u kontroll tar-rimi taż-żejt għall-aħħar vjaġġ bis-saborra (MARPOL, l-Anness I, ir-regolament 31.2);
46. Pjan ta' kooperazzjoni għat-Tiftix u s-Salvataġġ għall-vapuri tal-passiġġieri li jinnegozjaw fuq rotot fissi (SOLAS 1974, ir-regolament V/7.3);
47. Għall-vapuri tal-passiġġieri, Lista ta' limitazzjonijiet operazzjonali (SOLAS 1974, ir-regolament V/30.2);
48. Ċarts nawtiċi u pubblikazzjonijiet nawtiċi (SOLAS 1974, ir-regolamenti V/19.2.1.4 u V/27);
49. Rekords tas-sigħat ta' mistrieħ u t-tabella tal-arranġamenti ta' ħidma abbord (it-taqsima tal-Kodiċi STCW A-VIII/1.5 u 1.7, il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 180 u l-Art. 5.7, l-Art. 8.1 u l-MLC, l-Istandard 2006 A.2.3.10 u A.2.3.12);
50. Evidenza ta' spazji tal-makkinarju mhux ikkontrollati (UMS) (SOLAS 1974, ir-regolament II-I/46.3);
51. Ċertifikati mitluba skont id-Direttiva 2009/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-assigurazzjoni ta' sidien ta' vapuri għal pretensjonijiet marittimi;
52. Ċertifikat mitlub skont ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti;
53. Ċertifikat dwar l-inventarju tal-materjali perikolużi jew dikjarazzjoni ta' konformità kif applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u
54. Dokument ta' Konformità maħruġ skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

**ANNESS IV**

"ANNESS VI

PROĊEDURI GĦALL-KONTROLL TAL-VAPURI

(kif imsemmi fl-Artikolu 15(1))

L-Anness I, "Proċeduri ta' Kontroll mill-Istat tal-Port", tal-MtQ ta' Pariġi u l-istruzzjonijiet tekniċi u ċ-ċirkolari kollha maħruġa mill-MtQ ta' Pariġi li huma fis-seħħ, fil-verżjoni aġġornata tagħhom:

PSCC Struzzjonijiet tekniċi

– PSCC41-2008-07 Kodiċi ta' Prattika Tajba

– PSCC53-2020-08 Definizzjonijiet u Abbrevjazzjonijiet

MtQ Ġenerali ta' Pariġi

– PSCC54-2021-03 Tip ta' spezzjoni

– PSCC56/2023/06 Detenzjoni u Azzjoni Meħuda

– PSCC56/2023/04 Formoli mudell

– PSCC52-2019-05 Kontroll operazzjonali

– PSS43-2010-11 Eżenzjonijiet mill-Istat tal-Bandiera

– PSCC51/2018/13 Twaqqif ta' operazzjoni

– PSCC49-2016-11 Test ta' black-out

– PSCC53-2020-06 Rifjut ta' Aċċess (Projbizzjoni)

– PSCC50-2017-12 Struttura tat-trasportaturi bl-ingrossa/tankers taż-żejt

– PSCC43-2010-06 Dħul f'Baċir Imbattal mill-Ilma

– PSCC53-2020-11 Il-permess ta' vjaġġ wieħed lejn impjant ta' tiswija għal nuqqasijiet ta' "danni aċċidentali"

Konvenzjoni SOLAS

– PSCC56/2023/05 Kodiċi tal-ISM

– PSCC54-2021-02 Kodiċi tal-ISPS

– PSCC51-2018-12 ECDIS

– PSCC43-2010-32 VDR (Reġistraturi tad-Data tal-Vjaġġ)

– PSCC43-2010-09 Skedi tad-Data dwar is-Sikurezza tal-Materjali

– PSCC43-2010-21 GMDSS

– PSCC44-2011-16 Ganċijiet għar-rilaxx tad-dgħajsa tas-sopravivenza fuq it-tagħbija

– PSCC45-2012-10 Stabbiltà tad-danni fuq it-tankers

– PSCC55-2022-05 LRIT

– PSCC43-2010-28 Kejl tal-ħxuna ESP/CAS

– PSCC43-2010-29 Kejl tal-ħxuna

– PSCC51-2018-11 Kodiċi Polari

– PSCC55-2022-02 IGF Kodiċi

Konvenzjoni MARPOL

– PSCC46-2013-18 MARPOL l-Anness I OWS

– PSCC43-2010-39 MARPOL l-Anness II Strippaġġ

– PSCC47-2014-08 MARPOL l-Anness III IMDG

– PSCC55-2022-07 MARPOL l-Anness IV Drenaġġ

– PSCC52-2019-07 MARPOL l-Anness V Skart

– PSCC56/2023/07 MARPOL l-Anness VI Tniġġis tal-Arja

– PSCC43-2010-38 Ħasil taż-żejt grezz

– PSCC44-2011-20 MARPOL Investigazzjoni

Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija

– PSCC54-2021-06 Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linja tat-Tagħbija

Konvenzjoni AFS

– PSCC47-2014-13 Sistemi tal-Antifouling

Konvenzjoni dwar il-Bunkers

– PSCC56/2023/02 Konvenzjonijiet relatati mar-Responsabbiltà Finanzjarja

Ċertifikazzjoni tal-Baħħara u l-Ekwipaġġ

– PSCC56/2023/08 Ċertifikazzjoni tal-Baħħara u l-Ekwipaġġ (STCW, MLC u SOLAS)

Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra

– PSCC51-2018-09 Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra

Konvenzjonijiet tal-ILO

– PSCC52-2019-10 Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 (MLC)

– PSCC53-2020-14 Sigħat ta' Xogħol jew ta' Mistrieħ u idoneità għax-xogħol"

"ANNESS VIII

PROĊEDURI RIGWARD IĊ-ĊAĦDA TA' AĊĊESS GĦAL PORTIJIET U ANKRAĠĠI FIL-KOMUNITÀ

(imsemmija fl-Artikolu 16 u l-Artikolu 21.4)

(2) Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 16(1), l-awtorità kompetenti tal-port li fih jinżamm il-vapur għat-tielet darba għandha tinforma lill-kaptan tal-vapur bil-miktub li ser tinħareġ ordni ta' rifjut tal-aċċess li ser issir applikabbli immedjatament wara li l-vapur ikun telaq mill-port. L-ordni tar-rifjut tal-aċċess għandha ssir applikabbli immedjatament wara li l-vapur ikun telaq mill-port wara li n-nuqqasijiet li jwasslu għad-detenzjoni jkunu ġew rimedjati.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tibgħat kopja tal-ordni ta' rifjut tal-aċċess lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, lill-organizzazzjoni rikonoxxuta konċernata, lill-Istati Membri l-oħrajn, u lill-firmatarji l-oħrajn tal-MtQ ta' Pariġi, lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-MtQ ta' Pariġi. L-awtorità kompetenti għandha taġġorna wkoll il-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet b'informazzjoni dwar iċ-ċaħda ta' aċċess mingħajr dewmien.

(4) Sabiex titneħħa ordni ta' rifjut tal-aċċess, is-sid jew l-operatur irid jindirizza talba formali lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun imponiet ordni ta' rifjut tal-aċċess. Din it-talba għandha tkun akkumpanjata minn dokument mill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera maħruġ wara żjara abbord minn surveyor debitament awtorizzat mill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, li juri li l-vapur jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Konvenzjonijiet. L-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li saret żjara abbord. Id-dokument jista' jieħu l-forma ta' dikjarazzjoni uffiċjali, li għandha tinħareġ mill-Amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera u mhux minn organizzazzjoni rikonoxxuta.

(5) It-talba għat-tneħħija ta' ordni ta' rifjut tal-aċċess trid tkun akkumpanjata wkoll, fejn xieraq, minn dokument mis-soċjetà għal klassifikazzjoni li għandha l-vapur fi klassi wara żjara abbord minn surveyor mis-soċjetà għal klassifikazzjoni, li juri li l-vapur jikkonforma mal-istandards tal-klassi stipulati minn dik is-soċjetà. Is-soċjetà għal klassifikazzjoni għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li saret żjara abbord.

(6) L-ordni ta' rifjut tal-aċċess tista' titneħħa biss wara li jkun għadda l-perjodu msemmi fl-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva u l-kumpanija trid tindirizza talba formali lill-awtorità tal-Istat tal-port tal-Istat Membru li tkun imponiet il-projbizzjoni u tipprovdi d-dokumenti mitluba fil-paragrafi 3 u 4

(7) Talba bħal din, inklużi d-dokumenti meħtieġa, trid tiġi sottomessa lill-Istat li jkun ħareġ il-projbizzjoni mill-inqas xahar qabel tmiem il-perjodu ta' projbizzjoni. Jekk din l-iskadenza ma tiġix issodisfata, f'dak il-każ jista' jseħħ dewmien sa xahar wara li l-Istat li jkun ħareġ il-projbizzjoni jkun irċieva t-talba

(8) Is-sistema ta' informazzjoni ser iżżid fattur prevalenti għall-vapur u l-vapur ser jiġi indikat responsabbli għat-tip ta' spezzjoni "Spezzjoni estiża" fil-waqfa li jmiss tiegħu fil-port/l-ankraġġ fir-reġjun.

(9) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll id-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, lis-soċjetà għal klassifikazzjoni kkonċernata, lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-firmatarji l-oħrajn tal-MtQ ta' Pariġi, lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-MtQ ta' Pariġi. L-awtorità kompetenti trid taġġorna wkoll il-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet bl-informazzjoni dwar it-tneħħija tal-aċċess mingħajr dewmien.

(10) L-informazzjoni marbuta mal-vapuri li kienu miċħudin aċċess għal portijiet fil-Komunità trid issir disponibbli fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u trid tiġi ppubblikata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 u tal-Anness XIII."

"ANNESS XII

FUNZJONALITAJIET TAL-ĠABRA TA' DATA GĦALL-ISPEZZJONIJIET

(imsemmija fl-Artikolu 24.1)

(1) Il-ġabra ta' data għall-ispezzjonijiet għandha tinkludi tal-inqas il-funzjonalitajiet li ġejjin:

– Tinkorpora data għall-ispezzjonijiet tal-Istati Membri u l-firmatarji kollha għall-MtQ ta' Pariġi,

– Tipprovdi data dwar il-profil tar-riskju ta' vapur u dwar vapuri li waslu għal spezzjonijiet,

– Tikkalkula r-responsabbiltajiet ta' spezzjoni għal kull Stat Membru,

– Tipproduċi l-lista ta' Stati tal-bandiera bi prestazzjoni għolja kif ukoll dik bi prestazzjoni standard jew baxxa, kif imsemmi fl-Artikolu 16(1),

– Tipproduċi data dwar il-prestazzjoni tal-kumpaniji,

– Tidentifika l-partiti b'żoni ta' riskju li għandhom jiġu kkontrollati f'kull spezzjoni.

(2) Il-ġabra ta' data għall-ispezzjonijiet għandu jkollha l-kapaċità li tadatta għal żviluppi futuri u li tinteraġixxi ma' bażijiet tad-data għas-sikurezza marittima Komunitarji oħrajn, inkluża s-SafeSeaNet, li għandhom ifornu data dwar iż-żjarat li l-vapuri tabilħaqq jagħmlu f'portijiet tal-Istati Membri u, fejn xieraq, għal sistemi ta' informazzjoni nazzjonali rilevanti.

(3) Għandha tkun fornuta deep hyperlink għal-ġabra ta' data għall-ispezzjonijiet għas-sistema ta' informazzjoni Equasis. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu li l-bażijiet tad-data pubbliċi u privati relatati ma' spezzjoni ta' vapuri aċċessibbli permezz tal-Equasis ikunu kkonsultati mill-ispetturi."